REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/651

tal-20 ta' April 2022

li jniedi rieżami tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1993 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkunsinjati mill-Indja, l-Indonežja, il-Malasja, it-Tajwan u t-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi kif ukoll jekk le, għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-possibbiltà li tingħata eżenzjoni minn dawk il-miżuri lil produttur esportatur Indjan wieħed, li jirrevoka d-dazju antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet mingħand dak il-produttur esportatur u li jagħmel l-importazzjonijiet mingħand dak il-produttur esportatur soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament antidumping bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 13(4) u 14(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1993 tas-6 ta' Novembru 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, ikkonsenjati mill-Indja, l-Indonežja, il-Malasja, it-Tajwan u t-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi u kemm jekk le, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

1. TALBA

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal eżenzjoni mill-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkonsenjati mill-Indja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja kif ukoll jekk le, sa fejn hija kkonċernata Urja Products Private Limited ("l-applikant"), skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament antidumping bażiku.

(2) It-talba tressqet fit-23 ta' Awwissu 2021 mill-applikant, li huwa produttur esportatur ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ fl-Indja ("il-pajjiż ikkonċernat").

2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI

(3) Il-prodott taħt rieżami huwa drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, b'daqs taċ-ċellula ta' aktar minn 1,8 mm kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu aktar minn 35 g/m^2, eskluži d-diski tal-fibra tal-ħġieġ, ikkonsenjati mill-Indja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex ex 7019 63 00, ex 7019 64 00, ex 7019 65 00, ex 7019 66 00 u ex 7019 69 90 (kodiċijiet TARIC 7019 63 00 14, 7019 64 00 14, 7019 65 00 14, 7019 66 00 14 u 7019 69 90 14). Il-kodiċijiet NM u TARIC huma mogħtija għall-informazzjoni biss.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21
([2]) ĠU L 288, 7.11.2017, p. 4.

3. **MIŻURI EŻISTENTI**

(4) Permezz tar-Regolament (UE) Nru 791/2011 ([3]), il-Kunsill impona dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

(5) Dawn il-miżuri ġew estiżi bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 672/2012 ([4]), (UE) Nru 21/2013 ([5]) u (UE) Nru 1371/2013 ([6]), kif emendati l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1711 ([7]), għall-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkunsinjati mill-Indja, l-Indoneżja, il-Malasja, it-Tajwan u t-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi kif ukoll jekk le, bl-eċċezzjoni ta' dawk prodotti minn Montex Glass Fibre Industries Pvt. Ltd u Pyrotek India Pvt. Ltd.

(6) Dawn il-miżuri ġew estiżi bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 976/2014 ([8]), għall-importazzjonijiet ta' drappijiet kemxejn modifikati b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ.

(7) Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1993 wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament antidumping bażiku, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/788 ([9]), li ta eżenzjoni lil SPG Glass Fibre PVT. Ltd.

4. **RAĠUNIJIET GĦAR-REVIŻJONI**

(8) L-applikant allega li ma esportax il-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' rapportar użat fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri estiżi kif adottati mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1371/2013, jiġifieri l-perjodu mill-1 ta' April 2012 sal-31 ta' Marzu 2013 ("il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali"). Fil-fatt, l-applikant kien diġà ppreżenta ruħu matul l-investigazzjoni li wasslet għall-estensjoni tal-miżuri, li kienet ikkonkludiet li "*Urja Products ma tipproduċix il-prodott li qed jiġi investigat*" ([10]).

(9) Barra minn hekk, l-applikant ipprovda evidenza li huwa produttur ġenwin u allega li ma evitax il-miżuri eżistenti.

(10) L-applikant sostna wkoll li wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, fl-2020 u fl-2021, huwa esporta l-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011 tat-3 ta' Awwissu 2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 204, 9.8.2011, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 672/2012 tas-16 ta' Lulju 2012 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 791/2011 dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkunsinjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le (ĠU L 196, 24.7.2012, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 21/2013 tal-10 ta' Jannar 2013 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 791/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan u t-Tajlandja kif ukoll jekk le (ĠU L 11, 16.1.2013, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1371/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 791/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ kunsinjati mill-Indja u mill-Indoneżja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja kif ukoll jekk le (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 20).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1711 tat-13 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1371/2013 fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet mogħtija lill-produtturi esportaturi Indjani (ĠU L 286, 14.11.2018, p. 12).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 976/2014 tal-15 ta' Settembru 2014 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 791/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet kemxejn modifikati b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, li wkoll joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 274, 16.9.2014, p. 13).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/788 tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1993 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkunsinjati mill-Indja, l-Indoneżja, il-Malasja, it-Tajwan u t-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi kif ukoll jekk le wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 134, 31.5.2018, p. 5).

([10]) Ara l-premessi (11) u (50) tar-Regolament (UE) Nru 1371/2013.

5. **PROĊEDURA**

5.1. **Bidu**

(11) Wara li ġiet eżaminata l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika t-tnedija ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament antidumping bażiku għall-fini li tiġi ddeterminata l-possibbiltà li l-applikant jingħata eżenzjoni mill-miżuri estiżi.

(12) L-industrija tal-Unjoni li kien magħruf li kienet ikkonċernata ġiet infurmata bit-talba għal rieżami u ngħatat l-opportunità li tikkummenta.

(13) Fl-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se toqgħod partikolarment attenta għar-relazzjoni tal-applikanta mal-kumpaniji soġġetti għall-miżuri eżistenti biex tiżgura li ma ġietx imwaqqfa sabiex tiġi użata biex jiġu evitati l-miżuri. Il-Kummissjoni se tqis ukoll jekk għandhomx jiġu imposti kundizzjonijiet ta' monitoraġġ partikolari fil-każ li l-investigazzjoni tikkonkludi li l-għoti tal-eżenzjoni huwa ġustifikat.

5.2. **Ħassir tal-miżuri antidumping eżistenti u r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet**

(14) F'konformità mal-Artikolu 11(4) tar-Regolament antidumping bażiku, f'każijiet ta' esportaturi ġodda fil-pajjiż esportatur inkwistjoni li ma esportawx il-prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu kienu bbażati l-miżuri, jenħtieġ li d-dazju antidumping fis-seħħ jitħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li huma prodotti u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-applikanta.

(15) Fl-istess waqt, jenħtieġ li tali importazzjonijiet ikunu soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku sabiex jiġi żgurat li, jekk ir-rieżami juri li teżisti ċirkomvenzjoni fir-rigward tal-applikanta, id-dazji antidumping ikunu jistgħu jiġu imposti mid-data tar-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet. L-ammont tal-obbligazzjonijiet futuri possibbli tal-applikant ikun ugwali għad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1993 (62,9 %).

5.3. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami**

(16) L-investigazzjoni se tkopri l-perjodu mill-1 ta' April 2012 sat-31 ta' Diċembru 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami").

5.4. **Investigazzjoni tal-applikant**

(17) Sabiex tkun tista' tikseb it-tagħrif li tqis li huwa meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarju lill-applikant. L-applikant għandu jippreżenta l-kwestjonarju mimli fi żmien 37 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament antidumping bażiku.

5.5. **Preżentazzjonijiet oħrajn bil-miktub**

(18) Minħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jesprimu l-opinjoni tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5.6. **Possibbiltà ta' seduta ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni**

(19) Il-partijiet kollha interessati jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-faži tal-investigazzjoni t-talba trid titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Wara dan, it-talba għal smigħ trid titressaq fil-limitu tal-iskadenzi speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

5.7. **Struzzjonijiet għat-tfassil ta' preżentazzjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza**

(20) L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw informazzjoni u/jew data lill-Kummissjoni li jkunu soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-dritt tal-awtur li jippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni (a) tuża l-informazzjoni u d-data għall-iskop ta' dan il-proċediment ta' difiża tal-kummerċ u (b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-data lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

(21) Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, il-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala "*Sensitive*". Il-partijiet li jippreżentaw l-informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

(22) Il-partijiet li jipprovdu informazzjoni mmarkata "*Sensitive*" huma obbligati jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku anti-dumping, li jiġu mmarkati "*For inspection by interested parties*" ("Miftuħ għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati"). Dawn is-sommarji jenħtieġ li jkunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli.

(23) Jekk il-parti li tipprovdi l-informazzjoni "*Sensitive*" tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tipprovdix is-sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitlubin, il-Kummissjoni tista' tinjora din l-informazzjoni dment li sorsi xierqa jkunu jistgħu juru b'mod sodisfaċenti li l-informazzjoni hija korretta.

(24) Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi talbiet biex jiġu rreġistrati bħala partijiet interessati, dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni. Permezz ta' TRON.tdi jew ittra elettronika, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" ippubblikat fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf.

(25) Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika li jipprovdu jkun indirizz tal-posta elettronika uffiċjali tax-xogħol li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba d-dettalji ta' kuntatt ikunu stabbiliti, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, sakemm ma jkunx hemm talba speċifika li d-dokumenti kollha mill-Kummissjoni jintbagħtu b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li għandu jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu ta' posta rreġistrata. Għal aktar regoli u informazzjoni dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet bil-posta elettronika, il-partijiet interessati għandhom jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G
Office: CHAR 04/039
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email: TRADE-R766-DUMPING@ec.europa.eu

6. **POSSIBBILTÀ GĦAL KUMMENTI DWAR IL-PREŻENTAZZJONIJIET TA' PARTIJIET OĦRA**

(26) Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża, jenħtieġ li l-partijiet interessati jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra. Meta jagħmlu dan, il-partijiet interessati jistgħu jindirizzaw biss kwistjonijiet imqajma fis-sottomissjonijiet ta' partijiet interessati oħra u ma jistgħux iqajmu kwistjonijiet ġodda. Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar tas-sejbiet definittivi, jiġu ppreżentati fi żmien ħamest (5) ijiem mill-iskadenza għal

kummenti dwar is-sejbiet definittivi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm żvelar finali addizzjonali, jenħtieġ li l-kummenti mressqa minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għal dan l-iżvelar ulterjuri jsiru fi żmien ġurnata (1) mill-iskadenza għall-kummenti dwar dan l-iżvelar ulterjuri, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. L-iskeda ta' żmien deskritta hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet debitament ġustifikati.

7. ESTENSJONI TAL-LIMITI TA' ŻMIEN SPEĊIFIKATI F'DAN IR-REGOLAMENT

(27) Kwalunkwe estensjoni għal-limiti ta' żmien previsti f'dan ir-Regolament tista' tingħata biss f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni u tingħata biss jekk tkun ġustifikata minn raġuni tajba.

(28) Fi kwalunkwe każ, kull estensjoni għall-iskadenza tar-risposta għall-kwestjonarji se tkun limitata għal tlett (3) ijiem, u bħala regola ma taqbiżx is-sebat (7) ijiem.

(29) Fir-rigward tal-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni oħra speċifikata fir-Regolament, l-estensjonijiet ikunu limitati għal tlett (3) ijiem sakemm ma jintwerewx xi ċirkostanzi eċċezzjonali.

8. NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI

(30) F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fit-termini preskritti stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jiġu stabbiliti konklużjonijiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament anti-dumping bażiku.

(31) Fejn jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

(32) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss, u s-sejbiet għalhekk jissejsu fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament anti-dumping bażiku, ir-riżultat jista' ikun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

(33) In-nuqqas li tingħata tweġiba kompjuterizzata ma jitqies bħala nuqqas ta' koperazzjoni, sakemm il-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitluba tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew fi spejjeż żejda mhux raġonevoli. Jenħtieġ li l-parti interessata tagħmel kuntatt mal-Kummissjoni minnufih.

9. L-UFFIĊJAL TAS-SEDUTA

(34) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-file, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li jistgħu jfeġġu matul il-proċediment.

(35) L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati bis-sħiħ. Jenħtieġ li talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għal din it-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Jenħtieġ li dawn is-seduti ta' smigħ isiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

(36) Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u f'qasir żmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, il-partijiet interessati jenħtieġ li jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' ikun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għal talbiet għal interventi, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li debitament iqis l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija f'waqtha tal-investigazzjoni.

(37) Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni elettroniċi tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/.

10. **SKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(38) L-investigazzjoni tintemm, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament anti-dumping bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

11. **PROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI**

(39) Kwalunkwe data personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]).

(40) Avviż dwar il-protezzjoni tad-data li jinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-data personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni huwa disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qed jinbeda rieżami tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1993 skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 sabiex jiġi stabbilit jekk l-importazzjonijiet ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, b'daqs taċ-ċellula ta' aktar minn 1,8 mm kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu aktar minn 35 g/m^2, esklużi d-diski tal-fibra tal-ħġieġ, ikkonsenjati mill-Indja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7019 63 00, ex 7019 64 00, ex 7019 65 00, ex 7019 66 00 u ex 7019 69 90 (il-kodiċijiet TARIC 7019 63 00 14, 7019 64 00 14, 7019 65 00 14, 7019 66 00 14 u 7019 69 90 14), prodotti minn Urja Products Private Limited (kodiċi addizzjonali TARIC C861), għandhomx ikunu soġġetti għall-antidumping impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1993.

Artikolu 2

Id-dazju anti-dumping impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1993 huwa b'dan imħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament preżenti.

Artikolu 3

L-Awtoritajiet doganali għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([11]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).